Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta’ Frar 2001.

Avviz Nru: 1271/00

Maltacom p.l.c

Vs

Carmela Camilleri

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ mitejn disgha u disghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm299.68) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telefon bin-numru 809867 gia 773030 (Klijent numru 351958) skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta’ kera u servizz ta’ telefon bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Jannar 1999, tal-Mandat ta’ Qbid u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentati kontestwalment u bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali, kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata msejha tlett darbiet ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici. Lanqas ma dehret fis-seduta tal-lum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni, ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ mitejn disa’ u disghin lira u tmienja u sittin centezmu (Lm299.68c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b’effett mit-13 ta’ Jannar 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg